**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Rikors Ġuramentat Numru: 222/23 AL

A B C

Vs

Dr. Victor Bugeja u l-PL Silvana Vella nominati b'digriet tat-8 ta' Novembru 2023 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill- assenti D E F

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tieghu r-rikorrenti jesponi:

1. 1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 t'Ottubru, 2009, mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kontendenti sseparaw de facto ftit xhur wara z-zwieg u ghalhekk ilhom separati de facto ghal aktar minn sena [Dok. A].

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi ai termini tal-Att XIV tal-2011, 1-kontendenti ghaddew mill-process ta'

medjazzjoni [Ittra numru 829/23] u permezz ta' digriet moghti fl-24 ta' Lulju, 2023, l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi b'rikors guramentat skont l-Artikolu 930 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, prevja konferma tal-Ittra bil-gurament [Dok. B].

5. Illi l-esponenti kkonferma bil-gurament l-Ittra numru 829/23.

6. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjoni ta' manteniment u m'hemmx pendenzi ulterjuri.

7. Illi ghalhekk l-esponenti jixtieq jitlob d-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn ma' martu.

Talab li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi :-

Tordna l-ħall taż-żwieġ ta' bejn l-esponenti u martu u konsegwentement tordna li l-eventwali digriet jew sentenza ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha esponew:

Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti konnessi mal-kawza u għalhekk jirriservaw li jecepixxu ulterjorment fi stadju ulterjuri kemm -l darba jkun il-kaz;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit  bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Novembru 2023;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati sal-bidu tas-sena 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.